**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 3 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 222/02 AJD**

**Eurofreight Services Limited**

**vs**

**Highland Commodities Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm475.50), prezz ta' garr ta' merkanzija ezegwit fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Jannar, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru numru 198/02 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Robert Mangion, ghas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm475.50)n bl-imghaxijiet legali mid-data tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 198/02, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**